# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **6 TA' MEJJU 2018**

**Ġabra speċjali**

Illum se ssir il-ġabra speċjali għall-Parroċċa tagħna. Inħeġġukom tkunu ġenerużi. Nirringrazzjawkom mill-qalb.

***Snooker Tournament* fis-Sala San Ġwakkin**

Ilum is-Sibt 5 ta' Mejju 2018 ser jiġi organizzat *Snooker Tournament* fis-Sala San Ġwakkin għall-adolexxenti u żgħażagħ mis-7.00pm 'il quddiem. Dawk li jixtiequ jipparteċipaw jiktbu isimhom fis-Sagristija.

**Magħmudija Komunitarja**

Għada l-Ħadd 6 ta' Mejju 2018 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fl-10:15am.

**Kunċert minn Kor Reliġjuż mill-Iżvezja**

Għada l-Ħadd 6 ta' Mejju 2018 fis-7.15pm fil-Knisja Parrokkjali jibda kunċert minn kor reliġjuż mill-Iżvezja. Kulħadd huwa mistieden.

**Tberik tal-Familji**

It-tberik tal-familji hija okkażżjoni li s-saċerdot jitlob flimkien mal-membri tal-familja għall-barka u għall-paċi ta' Kristu Rxoxt. It-tberik jibda fl-4:30pm.

**It-Tnejn 7 ta' Mejju 2018**
Triq l-Arzell u Triq it-Tiben
**L-Erbgħa 9 ta' Mejju 2018**
Triq il-Kavetti u Triq il-Ħut

**Festa tal-Madonna ta' Pompei**

It-Tlieta 8 ta' Mejju 2018 hija l-festa tal-Madonna ta' Pompei. Wara l-quddiesa tas-7.00am nitolbu flimkien it-talba tar-Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija u tingħad is-Supplika tal-Madonna.

It-Tlieta 8 ta' Mejju 2018 fis-6.00pm fil-Parroċċa ta' Marsaxlokk jibda pellegrinaġġ Marjan u Quddiesa mmexxija minn Mons. Arċisqof Mons. Charles J. Scicluna.

**Festa ta' San Ġorġ Preca**

It-Tlieta 8 ta' Mejju 2018 fis-6:00pm niltaqgħu l-Museum tas-Subien u nimxu flimkien lejn il-Knisja Parrokkjali għall-Quddiesa tas-6:30pm. Qed nistiednu lit-tfal flimkien mal-familja tagħhom biex nattendu u wara l-quddiesa ser nagħtu xi ħaġa tajba lit-tfal kollha fuq iz-zuntier. It-tfal li s-soltu jużaw it-trasport għad-duttrina ser ikollhom trasport u wara jwassalhom lura.

**L-Erbgħa 9 ta' Mejju hija l-festa ta' San Ġorġ Preca. Hija ġurnata fejn irroddu ħajr lil Alla għal dak kollu li għamel mal-gzira tagħna permezz ta' dan is-saċerdot Malti. Jalla tkun ġurnata fejn napprezzaw il-Kelma ta' Alla, il-katekiżmu tal-Knisja u l-ġid li jagħmlu fostna l-membri tal-Mużew u tant katekisti li qed jagħtu ħajjithom għax-xandir tal-Kelma ta' Alla.**

**Bazaar u bejgħ ta' pjanti**

Min-nhar il-Ħamis 10 ta' Mejju 2018 fis-Sala San Ġwakkin jiftaħ il-Bazaar tal-Parroċċa li fih ser issir ukoll bejgħ ta' pjanti. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.

**Laqgħa għall-ġenituri tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina li jattendu l-Museum tas-Subien**

Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2018 fis-7.15pm laqgħa fil-Knisja Parrokkjali għall-ġenituri tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina li jattendu l-Museum tas-Subien.

**Novena tal-Ispirtu s-Santu**

Il-Ġimgħa 11 ta' Mejju 2018 nagħtu bidu għan-novena tal-Ispirtu s-Santu. Wara l-quddiesa tas-7:00am u l-Ħadd wara l-quddiesa tas-6:30am ikollna mument ta' talb quddiem Ġesù Ewkaristija.

***Coffee Morning***

Il-Ġimgħa 11 ta' Mejju 2018 fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm fid-9.00am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

***Eurovision Night Buffet Dinner***

Is-Sibt 12 ta' Mejju 2018 mit-8:30pm 'il quddiem ser issir ikla *buffet* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mis-Sagristija. Inħeġġukom sabiex nattendu.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Is-Sibt 12 ta' Mejju 2018 fil-Knisja Arċipretali tal-Gudja fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11:00pm.

**Quddiesa animata mit-tfal fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm**

Il-Ħadd 13 ta' Mejju 2018 fil-quddiesa tad-9:15am ser niċċelebraw Jum l-Omm. Qed nistiednu lit-tfal iġibu magħhom fjura biex inpoġġuha f'riġlejn ix-xbieha ta' Marija. F'din il-quddiesa jsir ukoll l-inkurunazzjoni tal-Madonna mit-tfal u nistiednu wkoll 'l ommijiet biex iġibu bukkett fjuri lill-Madonna.

**Grupp Kelma tal-Ħajja**

It-Tnejn 14 ta' Mejju 2018 fis-7.00pm ser jiltaqa' l-Grupp tal-Kelma tal-Ħajja fil-Knisja Parrokkjali.

**Pellegrinaġġ Marjan lejn il-Kappella tal-Madonna tad-Dawl il-Bidni**

Il-Ġimgħa 18 ta' Mejju 2018 ser norganizzaw Pellegrinaġġ Marjan mill-Knisja Parrokkjali sal-Kappella tal-Madonna tad-Dawl, il-Bidni. Fis-7:15pm nibdew il-pellegrinaġġ bit-talba tar-Rużarju. Meta naslu fejn it-tabella tal-Bidni għal dawk li ma jixtiqux jitilgħu t-telgħa se jkun hemm trasport li jtellagħhom sal-kappella. Fit-8:00pm niċċelebraw il-quddiesa u wara biċċa timpana għal kulħadd. Inħeġġiġkom sabiex nattendu.

**Fuljett 'Flimkien'**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Mejju 2018. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.

**Bazaar**

Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.

**Ħolqa Bejnietna – Ktieb tal-Festa 2018**

Dawk li jixtiequ jirreklamaw fil-ħarġa speċjali tal-Programm tal-Festa ta' Sant'Anna, jistgħu ikellmuna fis-sagristija.